**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 41/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Carmelo Micallef)**

**Vs**

**JOSEPH ZAMMIT**

**Illum, 15 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Zammit, mahruga fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni, talli fit-8 ta'Marzu, 1996, u qabel din id-data, naqas li jizgura :

1. Li kull post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha w minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika w psikologika tal-haddiema;
2. Li kull post tax-xoghol taht il-kontroll tieghu ikun hieles minn kull periklu ghas-sahha u ghas-sigurta', u li jippreveni disgrazzji, korrimeti w mard industrijali, u li jgharraf lil kull min ikun jahdem mieghu dwar il-perikli ghas-sahha w ghas-sigurta' li jkun hemm fil-post tax-xoghol u dwar l-ahjar mod ta' prevenzjoni ;
3. Li jiehu dawk il-mizuri kollha prattici sabiex jizgura b'mod prattiku w ragjonevoli s-sahha, skansar u hsieb generali ta' l-impjegati kollha tieghu, u li jkun hemm u jinzamm sew impjant w sistema ta' xoghol li jkunu b'mod prattiku w ragjonevoli minghajr periklu w minghajr riskju ghas-sahha;
4. Li jghati dak it-taghrif, taghlim, tahrig u supervizjoni sabiex jizgura s-sahha w n-nuqqas ta'periklu fuq ix-xoghol ta' l-impjegati tieghu;
5. Li jzomm il-post tax-xoghol f'kundizzjoni fejn ma jkunx hemm periklu w riskju ghas-sahha, u li jipprovdi w jzomm sew moghdijiet ta'dhul u hrug mill-post li jkunu minghajr periklu w minghajr riskji ghas-sahha.

Dawn in-nuqqasijiet wasslu ghall-korriment fuq ix-xoghol ta'Carmel Ciantar fit-8 ta'Marzu, 1996, fejn l-istess Joseph Zammit hu akkuzat ukoll li naqas li jgharraf lid-Direttur tax-Xoghol b'dak il-korriment fiz-zmien stipulat mil-Ligi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fl-14 ta'Frar, 2001, li biha sabet lill-Joseph Zammit hati ta'dawn l-akkuzi, u lliberatu taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.152 bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Zammit datat 23 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah mil-akkuzi kollha dedotti kontrih.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant, bazikament, huwa wiehed, fis-sens li qed jghid li hu qatt ma setgha jigi misjub hati ghaliex hu, bhala wiehed mill-iskrivani impjegati mas-socjeta' Blokrete Limited, ma jaqghax taht id-definizzjoni ta' "*employer*" skond il-Kap. 367, cioe', l-"**Occupational Health and Safety (Promotion) Act**".

Skond l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Att, taht id-definizzjoni ta' "*employer*" jaqghu diretturi, managers, partners, sidien, jew kull persuna ohra responsabbli ghall-management u amministrazzjoni ta' l-azjenda. L-ewwel Qorti dehrilha li l-appellant kien jaqa' taht din id-definizzjoni ghaliex irriteniet li mill-provi li semghet kien jirrizultalha minghajr ebda dubju ragjonevoli li l-appellant kien il-bniedem responsabbli mill-haddiema.

Hija kwistjoni ghalhekk ukoll ta'apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti semghet lix-xhieda mill-gdid sabiex tara jekk l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kienx wiehed korrett, u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant.

Mill-provi jirrizulta car li fil-periojdu in kwistjoni, l-appellant kienet wiehed fost xi erba jew hames persuni ohra impjegati mad-ditta msemmija bhala 'skrivan'. Certament ma kienx is-Segretarju tas-socjeta'. Hu veru li kellu relazzjonijiet mal-haddiema, izda f'dak li ghamel maghhom dejjem mexa wara li gab id-debita awtorizzazzjoni mid-diretturi tas-socjeta. Bla ebda mod ma gie pprovat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-appellant kien responsabbli mill-amministrazzjoni jew management tas-socjeta', jew li kien minn jeddu jiehu xi decizjonijiet bhal ma hu awtorizzat li jghamel manager ta' xi azjenda. Minn dak li din il-Qorti setghet tikkonstata f'dak li jirrigwarda l-posizzjoni ta'l-appellant fi hdan din is-socjeta' fiz-zmien in kwistjoni, hi ma tarax li dan qatt setgha jikkwalifika fid-definizzjoni ta' "*employer*" fuq moghtija, jew li kien responsabbli mill-haddiema fis-sens li tat l-ewwel Qorti. Ma jirrizulta minn imkien li hu kien responsabbli mill-haddiema fis-sens ta'amministrazzjoni jew management, b'poteri li jiddeciedi hu wahdu. Hu f'dan is-sens li din il-Qorti tara li in bazi tal-provi li hemm, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fl-appellant f'dak li gara fl-incident in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tara li l-appell ta'Joseph Zammit ghandu jigi milqugh, u, ghalhekk, qed tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur